**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta'April 2021;</u>**

**<u>Rikors nru: 98/2021 AGV ;</u>**

**ABC**

**Vs**

**DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC,** datat 9 ta' Marzu 2021 fejn espona bir-rispett u kkonferma ;

1. Illi r-rikorrent kien izzewweg lil DE nhar is-6 ta' Lulju 2013 (Dok A anness) u miz-zwieg taghhom ma kienx hemm ulied;
2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi nhar is-6 ta' Settembru 2016 (Dok B anness);
3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;
4. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xierqa u opportun.

Rat li ghas-seduta ta' llum dehret il-konvenuta li ddikjarat li mhix toggezzjona ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**